KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.6.2009
KUMM(2009) 255 finali

2009/0073 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dawr il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Isitati Membri tal-Unjoni Ewropea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-komunità, tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ISFOND POLITIKU U LEGALI

Skont l-Artikolu 21 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[1], pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fl-Aġenzija. Ir-regoli dettaljati tal-parteċipazzjoni tagħhom għandhom ikunu speċifikati f'arranġamenti ulterjuri li se jiġu konklużi bejn il-Komunità Ewropea u dawn il-pajjiżi.

Fil-15 ta' Frar 2007 il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ikkonkludew Ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija[2].

Fis-26 ta' Ottubru 2004, l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera ffirmaw Ftehim dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (minn isssa 'l quddiem il-"ftehim ta' Schengen"). Fl-1 ta' Marzu 2008 il-Ftehim ta' Schengen daħal fis-seħħ[3].

Artikolu 16 tal-Ftehim ta' Schengen jipprovdi għall-assoċjazzjoni ta' Liechtenstein mal-acquis ta' Schengen permezz ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Schengen li jiddetermina d-drittijiet u l-obbligi ta' kull wieħed mill-partijiet kontraenti. Il-Protokoll kien iffirmat fit-28 ta' Frar 2008 u hu mistenni li jiġi konklużż fl-2009.

Għall-effiċjenza u biex tiġi evitata l-ħtieġa li jsiru negozjati separati, Liechtenstein kien assoċjat man-negozjati dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fl-Aġenzija qabel ma titlesta l-konklużjoni tal-Protokoll. L-Arranġament fuq il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni fl-Aġenzija m'hux se japplikaw għal Liechtenstein qabel id-data li fiha l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

Wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni fil-11 ta' Marzu 2008, saru n-negozjati mal-Iżvizzera u Liechtenstein. In-negozjati kienu finalizzati fid-19 ta' Jannar 2009 u kien inizjalat abbozz ta' Arranġament.

L-Istati Membri kienu infurmati u kkonsultati fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) mal-Kunsill.

Il-bażi legali tal-Arranġament hu l-Artikolu 62(2)(a) u l-Artikolu 66 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tat-Trattat tal-KE.

Il-proposti mehmużin jikkostitwixxu l-istrumenti legali għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-Arranġament. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata. Il-Parlament Ewropew għandu jkun ikkonsultat formalment dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat KE.

---

1 ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.
2 ĠU L 188, 20.7.2007, p. 15.
3 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

2. RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tqis li l-għanijiet iffissati mill-Kunsill fid-direttivi tiegħu tan-negozjati ntlaħqu u li l-abbozz tal-arranġament dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huwa aċċettabbli għall-Komunità

Il-kontenut finali tal-abbozz tal-Arranġament jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

Skop u ambitu

Dan l-Arranġament jistabbilixxi drittijiet u obbligi ċari u mhux ambigwi u li jorbtu legalment biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tal-Iżvizzera u Liechtenstein fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

L-Arranġament jittratta l-kwistjonijiet li ġejjin: id-drittijiet limitati ta' votazzjoni tar-rappreżentanti tal-Iżvizzera u Liechtenstein fuq il-Bord tal-Ġestjoni tal-Aġenzija, il-kontribut finanzjarju tal-Iżvizzera u Liechtenstein għall-baġit tal-Aġenzija, il-ħarsien u l-kunfidenzjalità tad-dejta, l-istatus legali tal-Aġenzija fl-Iżvizzera u Liechtenstein, ir-responsabbiltà tal-Aġenzija, l-għarfien tal-Iżvizzera u Liechtenstein tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq l-Aġenzija, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Aġenzija u l-persunal tagħha u l-aċċess għaċ-ċittadini tal-Iżvizzera u Liechtenstein biex ikunu ngaġġati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

Is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu.

Dikjarazzjonijiet

Żewġ dikjarazzjonijiet konġunti huma mehmuża mal-Arranġament li jkopru:

- id-drittijiet tal-vot, u

- l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-iskjerament tat-timijiet ta' intervent rapidu fil-fruntiera.

3. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

– jiddeċiedi li l-Arranġament jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità;

– japprova, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, l-Arranġament mehmuż bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-komunità, tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 62(2)(a) u l-Artikolu 66 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 21 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[4], pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fl-Aġenzija. Il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom għandhom ikunu speċifikati f'arraġamenti ulterjuri li se jiġi konklużi bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi.

(2) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-11 ta' Marzu 2008, in-negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein għal Arranġament dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġew konklużi.

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu aktar tard, l-Arranġament inizjalat fid-19 ta' Jannar 2009 għandu jiġi ffirmat u jiġu approvati d-Dikjarazzjonijiet Konġunti.

(4) Skont Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen skont id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 5 tal-

[4] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni jekk hijiex sejra timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha jew le.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit m'hux qed jieħu sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[5]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[6]. L-Irlanda għaldaqstant mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti mehmuża huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tal-Arranġament.

It-testi tal-Arranġament u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti relatati huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina persuna(i) bil-poter li tiffirma/jiffirmaw l-Arranġament, f'isem tal-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell,[...]

Għall-Kunsill
Il-President

[5] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[6] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

2009/0073 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem il-komunità, tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) u l-Artikolu 66 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[7]

Billi:

(1) L-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[8], tipprovdi għall-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen biex jipparteċipaw fl-Aġenzija. Il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom għandhom ikunu speċifikati f'arraġamenti ulterjuri li se jiġi konklużi bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi.

(2) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-11 ta' Marzu 2008, in-negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein għal Arranġament dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġew konklużi.

(3) Skont Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen skont id-disposizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li

[7] ĠU C…
[8] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni jekk hijiex sejra timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha jew le.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit m'hux qed jieħu sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[9]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[10]. L-Irlanda għaldaqstant mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Dan l-Arranġament għandu jkun konkluż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Arranġament huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna bil-poter li tiddepożita f'isem il-Komunità Ewropea l-istrument ta' approvazzjoni li għalih hemm provdut fl-Artikolu 9(4) tal-Arranġament, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Komunità għar-rabta tagħha.

Magħmul fi Brussell,[...]

Għall-Kunsill
Il-President

[9] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[10] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

ANNESS

ARRANĠAMENT

bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Membri tal-Unjoni Ewropea

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

fuq naħa, u

L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA, minn hawn il-quddiem "l-Iżvizzera",

IL-PRINĊIPALITÀ TA' LIECHTENSTEIN, minn hawn 'il quddiem "Liechtenstein",

fuq in-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim iffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004, l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, minn isssa 'l quddiem il-"Ftehim",

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll iffirmat fit-28 ta' Frar 2008 bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll",

WARA LI KKUNSIDRAT id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Membri tal-Unjoni Ewropea mehmuża mal-Protokoll hawn fuq imsemmi,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ko-operazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[11],

BILLI:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004[12], minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament", il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ko-operazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija".

---

[11] ĠU L 188, 20.7.2007, p. 19.

[12] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

(2) Ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim u tal-Protokoll.

(3) Ir-Regolament jikkonferma li pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tal-Aġenzija, anke jekk bi drittijiet tal-vot limitati.

(4) Il-Prinċipalità ta' Liechtenstein m'għanhiex fruntieri esterni li għallihom japplika l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(5) Il-Ftehm u l-Protokoll ma jindirizzawx il-modalitajiet tal-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein mal-attivitajiet tal-korpi l-ġodda mwaqqfin mill-Unjoni Ewropea fil-qafas ta' aktar żvilupp tal-acquis ta' Schengen u ċerti aspetti ta' dik l-assoċjazzjoni mal-Aġenzija għandhom ikunu sodisfatti f'arranġament addizzjonali bejn il-Partijiet tal-Ftehim u tal-Protokoll.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Bord tat-Tmexxija

1. L-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom ikunu rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, kif stabbilit fl-Artikolu 21 (3) tar-Regolament.

2. L-Iżvizzera għandu jkollha drittijiet tal-vot:

   (a) fir-rigward ta' Deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi li se jitwettqu fil-fruntieri esterni tagħha. Proposti għal deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jeżiġu vot favur l-adozzjoni tagħhom mir-rappreżentant tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija;

   (b) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi skont l-Artikolu 3 (operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota fuq il-fruntieri esterni), l-Artikolu 7 (ġestjoni ta' apparat tekniku), l-Artikolu 8 (appoġġ lil Stati Membri f'ċirkostanzi li jeħtieġu assistenza teknika u operattiva akbar fuq il-fruntieri esterni) u l-Artikolu 9 (1), l-ewwel sentenza (operazzjonijiet konġunti ta' ritorn) li jridu jitwettqu b'riżorsi umani u/jew tagħmir impoġġi għad-disponibbiltà mill-Iżvizzera;

   (c) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar l-analiżi tar-riskju (l-iżvilupp tal-anailiżi tar-riskju integrata komuni, analiżi tar-riskju ġenerali u speċifika), li taffettwa direttament lill-Iżvizzera skont l-Artikolu 4;

   (d) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet ta' taħriġ skont l-Artikolu 5, bl-eċċezzjoni tat-twaqqif ta' bażi ta' kurrikulu ċentrali komuni.

3. Il-Liechtenstein għandu jkollu drittijiet tal-vot:

   (a) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet speċifiċi skont l-Artikolu 3 (operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota fuq il-fruntieri esterni), l-Artikolu 7 (ġestjoni ta' apparat tekniku), l-Artikolu 8 (appoġġ lil Stati Membri

f'ċirkostanzi li jeħtieġu assistenza teknika u operattiva akbar fuq il-fruntieri esterni) u l-Artikolu 9 (1), l-ewwel sentenza (operazzjonijiet konġunti ta' ritorn) li jridu jitwettqu b'riżorsi umani u/jew tagħmir impoġġi għad-disponibbiltà mil-Liechtenstein;

(b) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar l-analiżi tar-riskju (l-iżvilupp tal-anailiżi tar-riskju integrata komuni, analiżi tar-riskju ġenerali u speċifika), li taffettwa direttament lil-Liechtenstein skont l-Artikolu 4;

(c) fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar attivitajiet ta' taħriġ skont l-Artikolu 5, bl-eċċezzjoni tat-twaqqif ta' bażi ta' kurrikulu ċentrali komuni.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja

L-Iżvizzera għandha tikkontribwixxi għall-baġit tal-Aġenzija skont il-persentaġġ stabbilit fl-Artikolu 11 (3) tal-Ftehim.

Il-Liechtenstein għandu jikkontribwixxi għall-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll li jirreferi għall-metodu ta' kontribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 11 (3) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Protezzjoni u kunfidenzjalità tad-dejta

1. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta[13] għandha tapplika meta d-dejta personali tgħaddi mill-Aġenzija lill-awtoritajiet tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' din id-data[14] għandu japplika meta d-dejta personali tgħaddi mill-awtoritajiet tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein għall-Aġenzija.

3. L-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom jirrispettaw ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti miżmumin mill-Aġenzija, kif stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 4

Status legali

[13] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[14] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

L-Aġenzija għandu jkollha personalità legali skont il-liġi tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein u għandha tgawdi fl-Iżvizzera u l-Liechtenstein il-kapaċità legali l-aktar estensiva mogħtija lil persuni legali skont il-liġi tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti fi proċedimenti legali.

Artikolu 5

Responsabbiltà

Ir-responsabbiltà tal-Aġenzija għandha tkun regolata kif provdut fl-Artikolu 19 (1), (3) u (5) tar-Regolament.

Artikolu 6

Il-Qorti tal-Ġustizzja

1. L-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom jirrikonoxxu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq l-Aġenzija, kif provdut fl-Artikolu 19 (2) u (4) tar-Regolament.

2. Tilwimiet rigward ir-responsabbiltà ċivili għanhom ikunu riżolti skont l-Artikolu 10b(4) tar-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta' dak il-mekkaniżmu u li jirregola l-kompiti u l-poteri ta' uffiċjali mistiedna[15].

Artikolu 7

Privileġġi u Immunitajiet

1. L-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom japplikaw lill-Aġenzija u lill-istaff tagħha l-Protokoll tal-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej li huma mniżżla fl-Anness ta' dan l-Arranġament.

2. L-Anness ta' dan l-arranġament, inkluż fir-rigward tal-Iżvizzera l-Appendiċi dwar il-proċedura għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, għanu jifforma parti integrali minn dan l-Arranġament.

Artikolu 8

Il-persunal

1. L-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom japplikaw ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet tal-persunal tal-Aġenzija skont il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.

---

[15] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30.

2. B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi tal-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ċittadini tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom ta' ċittadini jistgħu jkunu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

3. Ċittadini tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein ma jistgħux, madankollu, jinħatru fil-postijiet ta' Direttur Eżekuttiv jew Deputat Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

4. Ċittadini tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein ma jistgħux jkunu eletti bħala Presidenti jew Deputati Presidenti tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

1. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkollu l-irwol tad-depożitarju ta' dan l-Arranġament.

2. Il-Komunità Ewropea, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom japprovaw dan l-Arranġament skont il-proċeduri tagħhom stess.

3. Id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Arranġament jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Komunità Ewropea u ta' mill-anqas Parti oħra f'dan l-Arranġament.

4. Dan l-Arranġament għandu jidħol fis-seħħ b'relazzjoni ma' kwalunkwe Parti f'dan l-Arranġament fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-depożitu tal-istrument ta' approvazzjoni tiegħu mad-depożitarju.

5. Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan l-Arranġament għandu japplika sa mid-data li l-Protokoll daħal fis-seħħ.

Artikolu 10

Il-validità u t-terminazzjoni

1. Dan l-Arranġament għandu jkun għal perjodu mhux limitat.

2. Dan l-Arranġament għandu jieqaf milli jkun fis-seħħ 6 xhur wara li l-Ftehim ikun iddenunzjat mill-Iżvizzera jew b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew itterminat b'mod ieħor skont il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 7(4), 10 jew 17 tal-Ftehim.

3. Dan l-Arranġament għandu jieqaf milli jkun fis-seħħ sitt xhur wara li l-Protokoll ikun iddenunzjat mil-Liechtenstein jew b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew itterminat b'mod ieħor skont il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 3, 5(4), 11(1) jew 11(3) tal-Protokoll.

Dan l-Arranġament, kif ukoll id-Dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu, għandhom jiġu mfassla f'test oriġinali uniku bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża,

Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, […]

Għall-Komunità Ewropea

Għall-Konfederazzjoni Svizzera

Għall-Prinċipalità tal-Liechtenstein

ANNESS

(L-Artikolu 7)

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

FILWAQT LI KKUNSIDRAW illi, skont l-Artikolu 28 tat-Trattat li jistabilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej, dawn il-Komunitajiet u l-Bank Ewropew tal-Investiment għandhom igawdu fit-territorji tal-Istati Membri dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li huma meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom,

FTEHMU fuq id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi ma' dan it-Trattat:

KAPITOLU I

PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U ĦIDMIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Artikolu 1

Il-postijiet u l-bini tal-Komunitajiet għandhom ikunu invjolabbli. Ikunu eżenti minn tfittxija, rekwiżizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni. Il-proprjetà u l-assi tal-Komunitajiet ma għandhomx ikunu suġġetti għal ebda miżura amministrattiva jew legali li tirrestrinġihom mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 2

L-arkivji tal-Komunitajiet għandhom ikunu invjolabbli.

Artikolu 3

Il-Komunitajiet, l-assi, id-dħul finanzjarju u proprjetà oħra tagħhom għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa diretta. Il-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom, kull meta possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex jirrinunzjaw għal jew iħallsu lura l-ammont ta' taxxi indiretti jew taxxi fuq il-bejgħ inklużi fil-prezz ta' proprjetà mobbli jew immobbli, meta l-Komunitajiet jagħmlu, għall-użu uffiċjali tagħhom, xirjiet sostanzjali li l-prezz tagħhom ikun jinkludi taxxi ta' din ix-xorta. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw, madankollu, b'mod illi jkollhom l-effett li jfixklu l-kompetizzjoni fi ħdan il-Komunitajiet.

L-ebda eżenzjoni ma għandha tingħata għar-rigward ta' taxxi u ammonti dovuti li jkunu biss ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika.

Artikolu 4

Il-Komunitajiet għandhom ikunu eżenti mid-dazji kollha tad-dwana, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' oġġetti intiżi għall-użu uffiċjali tagħhom: ħadd ma għandu jiddisponi minn oġġetti hekk importati, sew bi ħlas kif ukoll bla ħlas, fit-territorju tal-pajjiż li fih ikunu ġew importati, ħlief taħt kondizzjonijiet approvati mill-Gvern ta' dak il-pajjiż.

Il-Komunitajiet għandhom ikunu wkoll eżenti minn kull dazju tad-dwana u minn kull projbizzjoni u restrizzjoni fuq importazzjonijiet u esportazzjonijiet għar-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħhom.

Artikolu 5

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar jista' jkollha valuta ta' kull xorta u tħaddem kontijiet f'kull valuta.

KAPITOLU II

KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ-PASSER*

Artikolu 6

Għall-komunikazzjonijiet uffiċjali u t-trażmissjoni tad-dokumenti kollha tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru it-trattament mogħti minn dak l-Istat lil missjonijiet diplomatiċi.

Korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet ma jkunux suġġetti għal ċensura.

Artikolu 7

1. *Laissez-passer* fil-forma li għandha tkun preskritta mill-Kunsill, li għandhom ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti validi tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, jistgħu jkunu maħruġa lill-membri u l-impjegati tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet mill-Presidenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dawn il-*laissez-passer* jinħarġu lill-uffiċjali u lill-impjegati l-oħra skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehim sabiex dawn il-*laissez-passer* ikunu rikonoxxuti bħala dokumenti tal-ivvjaġġar validi ġewwa t-territorju ta' pajjiżi terzi.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u Azzar, madankollu, għandhom jibqgħu applikabbli għall-membri u għall-impjegati tal-istituzzjonijiet li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat ikollhom fil-pussess tagħhom *laissez-passer* li hemm provdut dwaru f'dak l-Artikolu, sakemm jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

IL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Artikolu 8

M'għandha tiġi imposta ebda restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort'oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward ta' dwana u kontroll fuq il-kambju, jingħataw:

(a) mill-Gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lil uffiċjali għolja li jkunu qed jivvjaġġaw barra l-pajjiż fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

(b) mill-gvern ta' Stati Membri oħra, l-istess faċilitajiet li jingħataw lil rappreżentanti ta' gvernijiet barranin waqt missjonijiet uffiċjali temporanji.

Artikolu 9

Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 10

Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:

(a) fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

(b) fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.

KAPITOLU IV

RAPPREŻENTANTI TAL-ISTATI MEMBRI LI JIPPARTEĊIPAW FIX-XOGĦOL TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Artikolu 11

Rappreżentanti ta’ Stati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet, il-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi tad-doveri tagħhom u waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post tal-laqgħa jgawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet tas-soltu.

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal membri ta' korpi ta' konsulenza tal-Komunitajiet.

KAPITOLU V

UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Artikolu 12

Fit-terrritorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu, min-naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' uffiċjali u impjegati oħra lejn il-Komunitajiet u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti fi kwistjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-uffiċjali u impjegati oħra tagħhom, ikollhom immunità minn proċedimenti legali fir-rigward ta' atti magħmulin minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom, inklużi kliem li jkunu qalu jew kitbu. Huma għandhom ikomplu jgawdu din l-immunità wara li jkunu waqfu jokkupaw dik il-kariga;

(b) flimkien mal-konjuġi tagħhom u membri dipendenti tal-familji tagħhom, ma jkunux suġġetti għal restrizzjonijiet tal-immigrazzjoni jew għal formalitajiet fir-reġistrazzjoni ta' stranġieri;

(c) fir-rigward ta' regolamenti dwar il-valuta jew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet bħal ma s-soltu jingħataw lil uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom meta jibdew il-kariga tagħhom għall-ewwel darba f'dak il-pajjiż u d-dritt li jerġgħu jesportaw l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom mingħajr ebda dazju, meta jtemmu d-doveri tagħhom f'dak il-pajjiż, bla ħsara, f'kull każ, għall-kondizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern tal-pajjiż, fejn dan id-dritt jiġi eżerċitat;

(e) ikollhom id-dritt li jimportaw mingħajr ebda dazju karrozza għall-użu personali tagħhom, akkwistata jew fil-pajjiż fejn l-aħħar kellhom ir-residenza tagħhom jew fil-pajjiż li tiegħu huma jkollhom ċittadinanza skont il-pattijiet viġenti fis-suq lokali ta' dak il-pajjiż, u li jerġgħu jesportawha mingħajr ebda dazju, bla ħsara f'kull każ għall-kondizzjonijiet meqjusin meħtieġa mill-Gvern ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 13

Uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet ikunu suġġetti għal taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Komunitajiet, skont il-kondizzjonijiet u l-proċedura stipulata mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Ikunu eżenti minn taxxi nazzjonali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa mill-Komunitajiet.

Artikolu 14

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul, it-taxxa fuq il-ġid u t-taxxa tas-suċċessjoni u fl-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet dwar il-ħelsien mit-taxxa doppja magħmulin bejn Stati Membri tal-Komunitajiet, uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet li, unikament minħabba fil-qadi tad-doveri tagħhom fis-servizz tal-Komunitajiet, jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż ta' domiċilju tagħhom għal skopijiet ta' taxxa, meta jidħlu fis-servizz tal-Komunitajiet, jiġu kunsidrati, sew fil-pajjiż tar-residenza attwali tagħhom sew fil-pajjiż tad-domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bħala li jkunu żammew id-domiċilju tagħhom f'dan l-aħħar pajjiż basta li dan ikun membru tal-Komunitajiet. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħoddu wkoll għall-konjuġi, safejn il-konjuġi ma jkollux jew ma jkollhiex separatament xi okkupazzjoni bi qligħ, u għal ulied dipendenti fuq u taħt ir-responsabbiltà tal-persuni msemmija f'dan l-Artikolu.

Il-proprjetà mobbli, li tappartjeni lil persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti u li tkun tinsab fit-territorju tal-pajjiż fejn dawn ikunu qegħdin joqogħdu, tkun eżenti minn kull taxxa tas-suċċessjoni f'dak il-pajjiż; dik il-proprjetà għandha, għall-kalkolu ta' dik it-taxxa, titqies bħala waħda li tinsab fil-pajjiż ta' domiċilju għal skopijiet ta' taxxa, bla ħsara għad-drittijiet ta' pajjiżi terzi u għall-applikazzjoni possibbli ta' provvedimenti ta' konvenzjonijiet internazzjonali fuq it-tassazzjoni doppja.

Kull domiċilju miksub unikament minħabba l-qadi ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra m'għandux jitqies fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 15

Il-Kunsill għandu filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni jistipula l-iskema ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet.

Artikolu 16

Il-Kunsill għandu, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra involuti jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet li għalihom id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13, u l-Artikolu 14 għandhom japplikaw, kollha kemm huma jew f'parti minnhom.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi ta' uffiċjali u impjegati oħra mdaħħla f'dawk il-kategoriji għandhom jiġu komunikati perjodikament lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

KAPITOLU VI

PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TAL-MISSJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI AKKREDITATI LILL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Artikolu 17

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-Komunitajiet ikollhom is-sede tagħhom għandu jagħti l-immunitajiet u l-privileġġi diplomatiċi konswetudinarji lil missjonijiet ta' pajjiżi terzi akkreditati lill-Komunitajiet.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 18

Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet jingħataw lill-uffiċjali u l-impjegati oħra tal-Komunitajiet unikament fl-interessi tal-Komunitajiet.

Kull istituzzjoni tal-Komunitajiet tkun meħtieġa li tirrinunzja għall-immunità mogħtija lil xi uffiċjal jew impjegat ieħor kull fejn dik l-istituzzjoni jidhrilha li r-rinunzja għal dik l-immunità ma tkunx kontra l-interessi tal-Komunitajiet.

Artikolu 19

L-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet għandhom, bl-iskop li jiġi applikat dan il-Protokoll, jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri involuti.

Artikolu 20

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 japplikaw għall-membri tal-Kummissjoni.

Artikolu 21

L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 għandhom japplikaw għall-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali, r-Reġistraturi u l-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Membri u Reħistraturu tal-Qorti tal-Prim'Istanza, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' immunità minn proċedimenti legali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

Artikolu 22

Dan il-Protokoll japplika wkoll għall-Bank Ewropew tal-Investiment, għall-membri tal-organi tiegħu, għall-persunal u r-rappreżentanti tal-Istati Membri li jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu wkoll, ikun eżenti minn kull għamla ta' tassazzjoni jew impożizzjoni simili, f'każ ta' xi żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu, fl-Istat fejn il-bank ikollu s-sede tiegħu. Ix-xoljiment jew l-istralċ tiegħu m'għandu jagħti lok għal ebda impożizzjoni. Fl-aħħarnett, l-attivitajiet tal-Bank u tal-organi tiegħu imwettqa skont l-Istatut tiegħu ma jkunux suġġetti għal xi taxxa fuq il-bejgħ.

Artikolu 23

Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri tal-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll fuq l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, b'żieda ma' dan, ikun eżenti minn kull forma ta' tassazzjoni jew impożizzjoni simili fil-każ ta' xi żieda fil-kapital u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu miegħu fl-Istat fejn il-bank ikollu s-sede tiegħhu. L-attivitajiet tal-Bank u tal-fergħat tiegħu li jaħdmu skont l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew m'għandhomx ikunu suġġetti għal xi taxxa fuq il-bejgħ.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw għall-Istitut Monetarju Ewropew. Ix-xoljiment jew il-likwidazzjoni tiegħu m'ghandhom iqajmu l-ebda impożizzjoni.

Appendiċi mal-ANNESS

Proċedura għall-applikazzjoni fl-Iżvizzera tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet

1. Estensjoni tal-applikazzjoni għall-Iżvizzera

Ir-referenzi fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa ’l quddiem "il-Protokoll") għall-“Istati Membri” għandha tinftiehem li tapplika bl-istess mod għall-Iżvizzera, għajr għal meta jkun previst mod ieħor mid-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Eżenzjoni tal-Aġenzija mit-taxxi indiretti (inkluża l-VAT)

L-oġġetti u s-servizzi esportati mill-Iżvizzera mhumiex suġġetti għat-taxxa fuq il-valur mizjud Svizzera (VAT). Fil-kaz ta' oġġetti u servizzi pprovduti lill-Aġenzija fl-Iżvizzera għall-uzu uffiċjali tagħha, l-eżenzjoni mill-VAT issir permezz ta' rifużjoni, konformi mal-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, tal-Protokoll. L-eżenzjoni mill-VAT tingħata jekk il-prezz taxxiri effettiv tal-beni u tal-provvista ta’ servizzi indikat fil-fattura jew fid-dokument ekwivalenti jammonta għal total ta’ tal-anqas 100 Frank Żvizzeru (taxxa inkluża).

Il-ħlas lura tal-VAT jingħata mal-preżentazzjoni tal-formoli Żvizzeri apposta lit-Taqsima Ewlenija tal-VAT tal-Amministrazzjoni Federali tat-Taxxa. Fil-prinċipju, it-talbiet jinħadmu fi żmien tliet xhur minn meta tkun intefgħet it-talba għall-ħlas lura akkumpanjata mid-dokumenti anċillari meħtieġa.

3. Proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli marbuta mal-istaff tal-Aġenzija

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 13, it-tieni inċiż, tal-Protokoll, l-Iżvizzera għandha teżenta, skont il-prinċipji tal-liġi nazzjonali tagħha, l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Aġenzija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill tal-25 ta’ Marzu 1969 (ĠU L 74, 27.3.1969, p. 1) mit-taxxi federali, kantonali u komunali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Komunità u soġġetti għal taxxa interna għall-benefiċċju tagħha.

L-Iżvizzera m’għandhiex titqies bħala Stat Membru skont it-tifsira tal-punt 1 hawn fuq għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Protokoll.

L-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Aġenzija, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom li qegħdin fis-sistema tal-assigurazzjoni soċjali applikabbli għall-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunità m’għandhom ikunu soġġetti għall-ebda obbligu li jidħlu fis-sistema Żvizzera tal-assigurazzjoni soċjali.

Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej se jkollha kompetenza esklussiva għall-kwistjonijiet kollha dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni u l-istaff tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill tad-29 ta’ Frar 1968 (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt Komunitarju li jistipulaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-GVERN TAL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA U L-GVERN TAL-LIECHTENSTEIN DWAR L-ARRANĠAMENT DWAR IL-MODALITAJIET TAL-PARTEĊIPAZZJONI MILL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA U L-PRINĊIPALITÀ TAL-LIECHTENSTEIN FL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-ĠESTJONI TAL-KOOPERAZZJONI OPERAZZJONALI FIL-FRUNTIERI ESTERNI TAL-MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-KOMUNITÀ EWROPEA,

Għall-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera

kif ukoll

il-Gvern tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein,

Wara li kkunkludew ftehim dwar l-arranġamenti dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazjzoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea qed hawn ikun approvat f'isem il-Komunità Ewropea skont l-Artikolu 21 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004,

Hawnhekk jiddikjaraw flimkien li:

Id-drittijiet tal-vot li jipprovdi għalihom l-Arranġament huma ġustifikati mir-relazzjonijiet speċjali mal-Iżvizzera u l-Liechtenstein li joħorġu mill-assoċjazzjoni ta' dawn l-Istati bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

Dawn id-drittijiet tal-vot huma ta' natura eċċezzjonali attribwiti lin-natura speċifika tal-kooperazzjoni ta' Schengen u l-pożizzzjoni speċjali tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

Għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala preċedent legali jew politiku għal kwalunkwe qasam ieħor ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet tal-Arranġament jew għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħrajn f'aġenziji oħrajn tal-Unjoni.

Fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu dawn id-drittijiet tal-vot ikunu eżerċitati fir-rispett ta' deċiżjonijiet ta' natura regolatorja jew leġiżlattiva.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARTIJIET KONTRAENTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IR-RESPONSABBILTÀ ĊIVILI

F'każ fejn tim ta' intervent rapidu fil-fruntieri ikun skjerat fi ħdan il-qafas tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Membri tal-Unjoni Ewropea Artikolu 10 (4) tar-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Funtieri u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta' dak il-mekkaniżmu u r-regolazzjoni tal-ħidmiet u l-poteri tal-uffiċjali mistiedna għandu japplika fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili